# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 196/01mm**

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**vs**

**Madliena Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u zewg liri Maltin u sebghin centezmu (Lm802.70) rapprezentanti drittijiet u spejjez professjonali dovuti ghas-

servizz ta' 'land surveying' provdut lis-socjeta' konvenuta fuq ordni taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Jannar, 2001, u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.